# "Friuli" Mejju 1976

Fil-laboratorji bojod
tax-xjenzjat profeta
it-tisfira ħabbara
torqod, għażżiena
għat-tagħrixa qarrieqa
f'ġuf l-univers.
U Kassandra
fuq il-palk vjola u aħmar
ixxejjer ta' xejn
dirgħajha
waqt li twerżaq
il-kantaliena
tat-tbassira.
Rebbiegħa mdellka
bħal tfajla mitluqa
timxi bla ħeġġa
qalb il-ħdura tal-Friuli.
U n-nies tħares kiebja.
Bla merħba l-għajnejn xotti
tal-mistennija.
Il-poplu xurban ta' Troja
rieqed ir-raqda
ta' sakra ħanina
u jitlef id-dehra tkexkex
tad-dmija ċċarċar
flimkien mal-inbid
misħuq minn sidru.
Friuli mqajma
u b'għajnejn miftuħa beraħ
tixrob il-kalċi mirra
taħt il-magni "camera"
li għal sekli
għad iġeddu t-tifkira.
Iż-żiemel rebbieħ
wieqaf waħdu
grottesk fid-dawl
ta' qamar ikħal.
Is-siluwett
ta' Friuli meqruda



bħal tħażżiż t'artist
li ma jistax jiftiehem
jorqod
fil-fdal ta' ħajja
mgeddsa fil-kenn
ta' tinda mberrħa..

Jane Cortis

# Lilek Ranċisa!

Jekk hemm fjura salvaġġa li hi tagħna,
tiegħek u tiegħi,
tagħna l-Maltin kollha,
hi r-ranċisa
li ssib fil-widien kollha w taħt l-għoljiet
fi żmien ir-ragħad u l-beraq.

Pajjiżi oħra għandhom biex jiftaħru:
Darba, bħal Wordsworth,
jien ukoll tgħaxxaqt
bid-dehra tad-dafodilli,
imtajra ma' l-għadajjar,
taħt sema iżraq nir,
fl-egħlieqi mżejnin kullimkien bil-ħdura
u bl-ilma ġieri!

'Żda le' ma għirt għad-dafodilli tagħhom —
sbieħ fil-għajn —
saħħithom ħlew fil-kobor u l-guffaġni
u le' fil-fwieħa tgħaxxi s-sensi
tiegħek, ranċisa tagħna!

20/1/'77

Wallace Ph. Gulia